# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 2 ta’ Marzu 2001**

**Numru 31**

**Citaz. numru 1095/84 DS**

Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta
vs
Carmel Bugeja

Illum, 2 ta’ Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Settembru 1984 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fit-8 ta’ Dicembru 1982 ghall-habta ta’ nofs-inhar f’Tigne Street, Sliema, waqt li Private Pierre Micallef Grimaud kien qed isuq il-vettura propjeta’ tal-Forzi Armati ta’ Malta li iggib in-numru ta’ registrazzjoni T-8036, huwa safa’ milqut mill-vettura li ggib in-numru ta’ registrazzjoni D-0054, misjuqa mill-konvenut;

Illi per konsegwenza ta’ dan l-attur sofra danni sostanzjali fl-imsemmija vettura ammontanti ghal sitta u disghin lira Maltin, erba’ u tletin centezmu, u zewg millezmi (Lm96.34,2)

Illi dan l-incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba in-nuqqas ta’ hsieb, traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati fil-vettura propjeta' tal-attur, dan baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni msemmija u tad-danni kollha sofferti mill-attur kagun tal-istess kollizjoni;

2. tillikwida d-danni kollha mill-attur sofferti b'rizultat ta' dan l-incident;

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar, 1984, inkluzi ukoll l-imghaxijiet legali mill-istess data kontra il-konvenut, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-kollizjoni indikata fic-citazzjoni u ghalhekk ghandu jigi liberat mit-talbiet tal-attur. Bl-ispejjez.

L-eccipjenti jzomm id-drittijiet kollha li jirreklama minghand l-attur jew is-sewwieq tal-vettura d-danni proprji;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura in parti minn Dr. Kenneth Grima li kien gie nominat bhala perit legali b'digriet tad-19 ta' Gunju 1985 u in parti mill-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea nominata b'digriet tat-2 ta' Ottubru 1996;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-8 ta' Dicembru 1982 f'Tigne Street, Sliema bejn vettura tal-Forzi Armati Bedford numru T-8036 misjuqa minn Private Pierre Micallef Grimaud u karrozza BMW numru D-0054 misjuqa mill-konvenut. L-attur jallega li l-incident gara tort tan-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Da parti tieghu l-konvenut jichad dan u jitfa' l-htija unikament fuq is-sewwieq tal-vettura ta' l-attur.

Il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa huwa ghal kollox konfliggenti.

**Pierre Micallef Grimaud** xehed li kien niezel fid-direzzjoni ta' Tigne Barracks u mieghu kellu zewg passiggieri. Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm drive-in li taghmel parti minn dar li jisimha Robert House u appena qabez id-drive-in hass il-van jitlaq minn tahtu bid-daqqa tal-kollizjoni. Huwa tilef il-kontroll tal-van u spicca fid-ditch fuq in-naha tax-xelluq tat-triq u mahbut mal-hajt. Id-daqqa kienet fuq is-sliding door tan-nofs tan-naha tax-xellug tal-van, lura. L-ewwel darba li ra l-vettura ta' l-attur kien wara d-daqqa meta hareg mill-van. Il-vettura tal-konvenut kienet nofsha fit-triq u nofsha fid-drive-in. Fuq in-naha tal-lemin tat-triq mnejn kien niezel kien hemm karrozzi pparkjati quddiem il-Midas Hotel. Ix-xhud qal li meta nizel mill-van u kellem lill-konvenut, dan qallu "Mur gibek qasmitlek tarbija fit-triq". Hadd ma ammetta t-tort. L-ispeed tieghu kien cirka 20/25 m.f.s. u quddiemu la kien hemm traffiku gej u lanqas sejjer. Il-brake ghafsu wara d-daqqa u mhux qabel.

In kontro-ezami qal li qabel id-daqqa ma jafx li xi hadd mill-passiggieri tieghu qallu "Ar'hemm" izda ezatt mad-daqqa kien hemm kommozjoni u jista' jkun li xi hadd minnhom kelmu. Il-van waqaf cirka 28 pied 'l isfel u dar u spicca mal-hajt. Huwa cahad li kien laqat il-vettura tal-konvenut li kienet wieqfa. Qabel il-habta kienu qeghdin jippruvaw isibu numru ta' residenza ta' xi hadd pero` ma kinux qed jitkelmu. Qabel id-drive-in ta' Robert House hemm cint gholi almenu daqs ix-xhud u jaghmel kurvatura 'l gewwa. Huma kienu gejjin mid-direzzjoni ta' din il-kurvatura li minnha sad-drive-in hemm xi 37 pied. Kien maqlugh mill-hajt tat-triq cirka 4 piedi. Il-gandott wiesa' cirka pied u allura kien maqlugh mill-gandott xi tliet piedi.

In ri-ezami qal li kienu jafu li l-indirizz li kienu qed ifittxu kien fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Kien jaf li kien izjed 'il quddiem minn fejn grat il-habta xi mitt pied. Kien jaf li ried imur Tigne Street pero` d-dar ezatt ma kienx jaf fejn hi ghalkemm kellu n-numru taghha.

L-attur ipproduca wkoll bhala xhud lil **Daniel Bottighieri** li kien passiggier fil-van u li xehed li kien qieghed wara l-passiggier ta' quddiem (Victor Fiorentino). Il-van kien wiehed maghluq. Huwa qal li ma kinux qed ifittxu fejn sejrin ghax kienu jafu fejn ghandhom imorru. Irrepeta li d-dar ta' l-individwu li kienu sejrin ikelmu kienu jafu fejn hi u b'hekk ma kinux qeghdin ifittxu peress li kellhom n-numru u kellhom it-triq. Meta dahlu f'Tigne Street kienu jafu fejn sejrin u li d-dar kienet aktar 'l isfel. Ma qaghdux iharsu lejn in-numri tad-djar. Kif waslu quddiem Robert House fuq in-naha tax-xellug tat-triq harget karrozza li wara saru jafu kienet misjuqa mill-konvenut. Dan baqa' hiereg u tahom daqqa fin-nofs tal-van fuq ix-xellug. Dik il-karrozza huwa raha hierga. Il-konvenut ma waqafx u baqa' diehel fihom. Rah hiereg mit-tieqa tal-genb tal-van. F'dan il-punt ix-xhud ikkorrega dak li kien qal qabel dwar li l-van maghluq u qal li fil-fatt kellu l-hgieg mal-genb. Imbaghad kompla jghid li ra lill-konvenut hiereg appena waslu quddiem Robert House u mad-daqqa sab ruhu f'hogor il-passiggier l-iehor.

Meta kompla jixhed Daniel Bottighieri f'seduta sussegwenti huwa qal li ghall-avolja jkun wiehed minnhom li jkollhom l-indirizz ta'fejn iridu jmorru, xorta wahda jsiru jafuh lkoll qabel ma jaslu fid-destinazzjoni. Qal ukoll li milli ra hu d-driver ftit mumenti qabel l-incident u waqt li kienu ghaddejjin minn Tigne Street ma rahx distratt u rah isuq regolari.

In kontro-ezami qal li qabel dik id-data lill-individu li konna sejrin ghandu qatt ma marru ghandu qabel u allura ma setax ighid li kienu jafu d-dar liema kienet ghalkemm kellhom isem l-individwu u l-indirizz. Qal li kemm id-driver tal-van kif ukoll il-passiggier Victor Fiorentino setghu kienu qeghdin ifittxu n-numru tad-dar paro` huwa ma jafx jekk ghamlux hekk ghax kien riekeb fuq wara. Huwa ma esklamax "Ar'hemm" u seta' qalha Fiorentino izda ma jiftakarx li semaghha dil-kelma. Huwa cert li sema' d-daqqa. Ikkonferma li lill-konvenut rah hiereg mid-drive-in u ma waqafx u dahal fihom. Mad-daqqa d-driver tal-van tilef il-kontroll, baqa' niezel u spicca mal-hajt. Minghalih li l-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq ix-xellug ta' quddiem. Wara l-habta huwa qal lill-konvenut "Mela hekk tibqa' hiereg int" izda ma jiftakarx jekk il-konvenut wegbux. Qatt am sema' lill-konvenut ighid li kien wieqaf jistenna qabel ma johrog u li d-driver tal-van ma kienx attent u baqa' diehel fih. Il-hsara li ra fuq il-van kienet fuq il-bieba li kienet imdahla 'l gewwa u fuq quddiem meta spiccat mal-hajt. Id-daqqa kienet minn nofs il-van mifruxa lejn in-naha ta' quddiem tal-van.

In ri-ezami qal li l-vettura tal-konvenut raha l-ewwel darba *“meta dahlet go fina – kif harget mid-drive-in. Jien rajtu diehel go fina meta l-van taghna waslet biex tiskorri d-drive-in u mhux qabel. Minn meta rajtha hierga u spiccat mahbuta maghna il-car tal-konvenut ghaddiet split second. Jien malli rajtha u kif nifhem jien u skond id-direzzjoni tieghi kien ser jigbed lejn il-lemin tieghu fid-direzzjoni ta’ Qui-si-sana kontra d-direzzjoni taghna.”*

Xehed ukoll **Victor Fiorentino** li kien passiggier fuq quddiem u li kkonferma li mieghu fil-van kien hemm ix-xufier Micallef Grimaud u l-passiggier l-iehor Bottighieri fuq is-seat ta’ wara tal-van li kien bil-hgieg fil-genb u kellu zewg bibien sliding. Kienu sejrin ghand persuna li joqghod f’Tigne Street fuq xoghol tar-Revenue Security Corps u kellhom l-indirizz tieghu. Waqt li nezlin, f’daqqa wahda ra karrozza BMW hierga minn go drive-in ta’ wahda mill-vilel fuq in-naha tax-xellug tieghu. B’istint huwa esklama “Ar’hemm”. Huwa kien qed ihares ‘il quddiem waqt li kienu ghaddejjin minn Tigne Street u l-BMW raha meta kienet ghodda fuqhom u l-esklamazzjoni “Ar’hemm” qalha pjuttost meta l-vettura l-ohra kienet diga` dahlet fihom. Ma kinux nezlin bi speed aktar minn 25 m.f.s. Fuq in-naha tax-xellug kien hemm gandott biex ighaddi l-ilma u fuq il-lemin fejn il-lukanda Midas kien hemm habel bil-bollards ghall-parking u anke xi karrozzi pparkjati. *“Ghalhekk nghid illi konna ghaddejjin ghal nofs it-triq.”* Karrozzi quddiemhom u warajhom ma kienx hemm. Id-daqqa kienet fuq in-naha tax-xellug ta’ quddiem minn nofs il-bieba lura u baqghet sejra sa nofs il-van. Il-hsara fuq il-BMW kienet fuq in-naha tax-xellug ta’ quddiem.

In kontro-ezami spjega li kienet l-ewwel darba li kien sejjer ghand il-persuna koncernata f’Tigne Street. Huwa qal li kienu fittxew in-numru tad-dar li kienu sejrin fiha fil-bidu tat-triq u kienu kkalkolaw li dik id-dar kienet fit-tarf tat-triq. Bejn meta kkalkolaw u d-drive-in hemm xi 300 metru. Ix-xhud qal ukoll li huwa kien qed ihares ‘il quddiem u ma kienx qed ifittex in-numru u l-vettura tal-konvenut raha meta kienu kwazi diga` qabzu d-drive-in. Qal li ma jistax ikun li kien ix-xufier tal-van li baqa’ diehel fil-vettura tal-konvenut ghax kieku d-daqqa taghhom kienet tkun fuq quddiem u mhux fil-genb. Esklama “Ar’hemm” hekk kif hass id-daqqa fuq il-van u mhux qabel.

In ri-ezami qal li wara l-habta d-driver tilef il-kontroll tal-van u spiccaw fil-gandott fuq ix-xellug tat-triq u mahbutin mal-hajt. Ikkalkola li mill-ispot of impact imxew 20/30 pied.

**Il-konvenut** xehed l-ewwel darba f'seduta li nzammet fid-9 ta' Ottubru 1997. Huwa qal li kien hiereg mid-drive-in ta' Roberts House f'Tigne u x'hin wasal fit-tarf huwa waqaf peress li kienu ghaddejjin karrozzi min-naha ta' fuq ghal isfel. Wara li ghadew xi tlieta jew erba' karrozzi ghaddiet karrozza ta'l-Armata. Huwa kien dejjem wieqaf u filwaqt li l-karrozzi l-ohra ghaddew il-vettura tal-Armata dahlet fih. Meta ra din il-vettura gejja huwa osserva li l-komponenti taghha kienu qed jitkelmu bejniethom ftit mumenti qabel l-incident. Fl-ebda hin ma ccaqlaq mill-post fejn kien wieqaf. Il-vettura ta' l-attur laqtitu bix-xellug taghha fil-pinna ta' quddiem tal-karrozza tieghu.

In kontro-ezami qal li waqaf daqsxejn 'il barra mid-drive-in biex ikun jista' jara peress li d-drive-in qieghda 'l gewwa. Huwa ra l-persuni ipacpcu peress li seta' josservahom in kwantu huwa kien wieqaf u rahom ipacpcu u jaghmlu xi mossi b'idejhom. Rega' kkonferma li lehqu ghaddew minn quddiemu tliet karrozzi qabel il-habta. Dawn ghaddew wara xulxin u l-vettura ta' l-attur waqfet meta habtet mieghu izda jahseb li zamm xi ftit brake

Il-konvenut kompla jixhed in kontro-ezami fl-14 ta' Marzu 2000. Huwa qal li d-drive-in kienet tiftah fuq iz-zewg nahat, cioe` kienet maghmula b'tali mod li meta tohrog inti tkun fl-isplay ta' l-istess drive-in u mhux fit-triq. Difatti qal li jahseb li l-anqas biss kien missha t-triq. Huwa kien se jinzel lejn l-iStrand. Qal ukoll li bejn it-tliet karrozzi li ghaddew u l-vettura tal-Forzi Armati kien hemm xi ftit gap. Huwa baqa' wieqaf kif kien u basar li dik il-vettura se tibqa' ghaddejja bhall-ohrajn pero` minflok laqtitu. Ma kenitx miexja linja dritta bhall-ohrajn ghal dahlet go fih. Huwa enfasizza li n-nies fiha kienu qeghdin jitkellmu ghax kien qed jara l-persuni jaghmlu movimenti b'idejhom. Insista li huwa baqa' wieqaf wara li ghaddew il-karrozzi l-ohra minn quddiemu.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax certi kontradizzjonijiet fix-xiehda tat-tliet persuni li kienu fil-van ta' l-attur. Micallef Grimaud ighid li d-dar fejn kienu sejrin ma kienx jaf ezatt fejn hi ghalkemm kellu n-numru tagha. Bottighieri jghid li d-dar kienu jafu fejn hi. Micallef Grimaud ighid li kellu mieghu zewg passiggieri. Bottighieri jghid li kien bilqieghda wara l-passiggier ta' quddiem u mad-daqqa spicca f'hogor il-passiggier l-iehor; liema passiggier? Micallef Grimaud ighid li kienu erba' piedi 'l barra mill-hajt filwaqt li Fiorentino jghid li kienu qed isuqu ghal nofs it-triq. Bottighieri jghid li ra l-vettura misjuqa mill-konvenut hierga mid-drive-in imbaghad li raha l-ewwel darba meta dahlet go fihom kif harget mid-drive-in. Fiorentino wkoll ighid li f'daqqa wahda raha hierga mid-drive-in

imbaghad li qabel il-habta ma kellux cans jaraha u raha meta kienet ghodda fuqhom.

Da parti tieghu l-konvenut baqa' dejjem jinsisti li meta kien hiereg mid-drive-in waqaf biex jghaddu l-karrozzi, ghaddew tlieta u l-van tal-Forzi Armati baqghet diehla go fih. Insista wkoll li ma ccaqlaqx mill-pozizzjoni li kien fiha wieqfa.

Minhabba l-kontradizzjonijiet f'dak li qalu x-xhieda ta' l-attur il-Qorti ma tistax tghid li l-verzjoni taghhom hija aktar attendibbli minn dik tal-konvenut. Hemm ukoll kuntrast bejn dak li jghidu dawn ix-xhieda, cioe` li ma kinux qed jitkelmu, u dak li qal il-konvenut li rahom ipacpcu u jaghmlu movimenti b'idejhom. Jekk kienu qed ipacpcu u jiggestikolaw, ma huwa xejn inverosimili li x-xufier ma kienx qieghed izomm "a proper look-out", ma kienx miexi f'linja dritta wara l-karrozzi li ghaddew minn quddiem il-konvenut u kien attent aktar biex isib id-dar li riedu jaslu ghaliha. Naturalment lanqas ma huwa inverosimili li waqt li persuna tkun ghaddejja ghall-affari taghha fit-triq tohrog karrozza minn side road jew drive-in u tibqa' diehla go fiha. Fiorentino qal li l-vettura tal-konvenut raha meta kienet ghodda fuqhom u l-esklamazzjoni "Ar'hemm" pjuttost qalha meta tal-BMW kien diga` dahal fihom. Izda setghet kienet biss impressjoni li tal-BMW kien diehel fuqhom? Setghu kienu huma li avvicinaw tant lill-konvenut li proprju f'dik l-ahhar istanza haseb li kienet il-BMW li dahlet fuqhom u mhux li huma dahlu fuqha? Id-daqqa ma kenitx wahda kbira. Kif tilef il-kontroll ix-xufier b'tali mod li spicca mahbut go hajt madwar 28 pied 'l isfel? Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxilux jipprova dak li allega, cioe` li l-incident gara tort tan-nuqqas ta' hsieb, jew traskuragni jew imperizja tal-konvenut. Ma rnexxilux jipprova imqar "on a balance of probability" li fil-fatt l-incident gara ghax il-konvenut baqa' hiereg mid-drive-in u baqa' diehel fil-van tieghu li dak il-hin kien qed jinsaq proprju minn dik it-triq. Ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur